# Il-Qniepen fil-Ħajja Soċjali Maltija tal-Imgħoddi



*Kenneth Cauchi fil-kampnar tal-Konkatidral ta' San Ġwann Ritratt: Times of Malta*

Il-qniepen inħolqu preċiżament minħabba rwol komunikattiv. Meta wieħed kien irid jikkomunika bejn raħal u ieħor, kien jagħmel użu mill-qniepen biex iwassal il-messaġġ tiegħu. Maż-żmien, inħolqu diversi mezzi ta' komunikazzjoni aktar komdi u li jagħmlu l-komunikazzjoni aħjar biex gradwalment ħadu post il-qniepen.

Biss fl-ewwel żminijiet tagħhom, l-użu ta' qanpiena minn oħra u l-mod ta' kif ikunu t-tokki tagħha kienu jagħmlu differenza kbira fost l-abitanti f'għadd ta' rħula u anke bliet. Hekk ngħidu aħna meta qanpiena kienet tnaqqar għall-vjatku, li llum ħafna qajla jafu x'inhu, kien ifisser li l-qassis kien sejjer jagħti l-assoluzzjoni lil xi moribond. Din kienet tkun qanpiena partikolari li meta n-nies tismagħha tindaqq b'mod partikolari kienu jieħdu l-messaġġ li jrid jitwassal. Drawwa oħra li spiċċat kienet meta jindaqq it-Transtu fil-mument li xi ħadd kien ikun qiegħed imut. Għalkemm dan għadu jindaqq f'diversi rħula, fi żminijiet imgħoddija kien hemm ukoll diversi modi ta' kif jindaqq, hekk ngħidu aħna mota differenti li tindika jekk hux raġel jew mara, kif ukoll jekk il-persuna tkunx mietet id-dar jew l-isptar. B'dan il-mod il-kampanar kien ikun qiegħed iwassal il-messaġġ lill-komunità. Kien żmien meta anke qed jitwassal messaġġ minn raħal għal ieħor.

Ma kienx importanti jekk il-qanpiena għandhiex in-nota mużikalment korretta mal-oħra. Hekk ngħidu aħna fi rħula antiki li għad għandhom 'sett' qniepen antik li għadu jintuża ta' kuljum bħal Ħaż-Żebbuġ għandek tliet qniepen kbar u t-tlieta li għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess intonazzjoni mużikali. Meta dawn saru, ma kienx importanti li jkun hemm sett ikkurdat kif aħna mdorrijin illum suppost. L-importanti kien li l-leħen tal-qanpiena jasal għand kulħadd jekk mhux ukoll minn raħal għal ieħor. Meta wieħed jitkellem fuq raħal dak iż-żmien rurali, wieħed ried jinkludi

> *"L-użu ta' qanpiena minn oħra u l-mod ta' kif ikunu t-tokki tagħha kienu jagħmlu differenza kbira fost l-abitanti f'għadd ta' rħula u anke bliet."*

 

*Il-qanpiena l-kbira ta' Ħaż-Żebbuġ*

dawk l-akkwati kollha li fihom kien ikun hemm il-bdiewa li jinkludu l-għelieqi li jaqgħu taħt il-konfini tal-istess raħal. Qed ngħid hekk, għax f'dawk iż-żminijiet imgħoddija, il-qniepen kienu litteralment jirregolaw il-ħajja ta' kuljum. Hekk ngħidu aħna meta kien jindaqq il-Pater Noster fl-erbgħa ta' filgħodu, dan ma kienx iqajjem lin-nies b'kapriċċ. Wieħed irid jiftakar li l-ħajja kienet mingħajr elettriku u l-poplu ried jagħmel użu sħiħ mid-dawl tal-ġurnata. Jekk kien jibda jbexbex fl-erbgħa ta' filgħodu, kien meħtieġ li n-nies ikollha sinjal biex tqum, tieħu l-kolazzjon u wara li tkun anke semgħet il-quddiesa tal-ewwel, mal-ħamsa u nofs kienet tkun fuq il-lant tax-xogħol. F'dawk iż-żminijiet, il-bidwi kien jieqaf fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofsinhar biex jgħid l-Angelus u filgħaxija mal-għabex.

Għaldaqstant, minħabba l-fatt li f'dawn l-inħawi rurali, il-ħajja fl-għalqa kienet irregolata mill-qniepen, kien meħtieġ li r-raħal ikollu qanpiena kbira biżżejjed li jkollha ħoss li jinstema' minn kullimkien. Bla dubju ta' xejn kien hemm raġunijiet oħra għall-kobor tal-qniepen fosthom il-kompetizzjoni jekk mhux ukoll pika bejn raħal u ieħor b'mod partikolari dawk ġirien. Bla dubju, illum aktar huwa ta' prestiġju li sett qniepen ikollu armonija mużikali milli kobor għalxejn.

Tajjeb li nsemmi l-fatt, li sa ħamsa u għoxrin sena ilu, jekk kont tieħu żball waqt xi mota partikolari, in-nies kienu jindunaw. Mhux darba jew tnejn, jiġi s-sagristan fuqek u jistaqsi min ikun daqq il-fustanija jew min daqq il-kbira għax beda jsabbat jew beda jfallilha. Illum jaf ikun hemm xi rimarki minn xi ħadd imma nistgħu ngħidu li naqsu drastikament u jekk xi ħadd jieħu żball, qajla ssib min jinduna.

*"Fl-imgħoddi l-kampanar kellu l-kamra tiegħu fil-kampnar. Hekk ngħidu aħna, fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt, iċ-ċella kampanarja taħt il-kampnar tat-Tramuntana kienet speċifikament għall-kampanar."*

Tajjeb ukoll li ladarba qed insemmu d-daqq tal-qniepen, wieħed għandu joħroġ id-differenza fir-rwoli tas-sagristan u l-kampanar. Is-sagristan huwa responsabbli miż-żamma tal-knisja u dak kollu li jseħħ fuq ġewwa. Mill-banda l-oħra l-kampanar huwa dik il-persuna li jdoqq il-qniepen għal dawk il-jumejn tal-festa ... is-Sibt u l-Ħadd biss. Illum il-kampanar issibu wkoll nhar it-Tridijiet. Fl-imgħoddi l-kampanar kellu l-kamra tiegħu fil-



*Impressjoni artistika tal-katidral fi żmien l-Ordni*



*...u llum*

kampnar. Hekk ngħidu aħna, fil-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt, iċ-ċella kampanarja taħt il-kampnar tat-Tramuntana kienet speċifikament għall-kampanar. Din hija kamra enormi taħt il-kampnar kollu fejn sa ftit żmien ilu f'din il-kamra wieħed kien għadu jsib gradenza ta' żmien l-Ordni ta' San Ġwann. L-iggançjar tal-qniepen kien jinżel sular biss sa din il-kamra li qed insemmi li juri l-kontroll tal-qniepen immexxi kollu kemm hu minn din il-kamra.

Ladarba qed insemmi l-qniepen tal-Konkatidral, noħroġ l-ispunt li fir-rutina tal-ħajja ta' kuljum, ma kinux jindaqqu l-qniepen kollha. Dawk li jintużaw kuljum kienu l-qniepen iż-żgħar. Hekk ngħidu aħna l-pjagi, jiġifieri l-post fejn l-ilsien iħabbat max-xoffa tal-qanpiena li għandhom it-tliet qniepen iż-żgħar tal-Konkatidral, qatt ma rajt bħalhom imkien. Kważi nofs ix-xoffa tal-qniepen hi mittiekla mill-ilsien. Dawn il-qniepen jidher li kienu jkunu ġġançjati dejjem u l-pjagi tagħhom daqq eċċessiv li ma jista' jkun qatt marbut kollu kemm huwa ma daqq ekkleżjastiku biss imma rwoli soċjali oħra li l-belt kapitali bla dubju kellha bżonn. Ma jfissirx li fil-Belt ma kienx hemm knejjes oħra bi qniepen użati b'mod simili għal dawn. Li huwa żgur huwa li m'għadhomx jeżistu, forsi għax ittieklu, inqasmu jew inbidlu ma' oħrajn li għadna nsibu llum. Tant kemm hu hekk, fil-kon-katidral insibu ħames qniepen ikbar li m'għandhomx dawn il-marki fondi fiżiċi li nsibu fuq it-tlieta ż-żgħar.

Meta wieħed janalizza l-qniepen ta' dan il-Konkatidral li nbena fl-1575, isib li l-eqdem qanpiena fih tmur lura għas-sena 1619. Għaldaqstant it-tweġibiet huma tnejn: jew li bejn dawn is-snin kien bla qniepen, li nħoss li hi ħaġa improbabbli għaliex ħajjet il-poplu ma kinitx tiffunzjona mingħajr qniepen jew li kien hemm xi qniepen però dawn tkissru jew tneħħew biex imbagħad saru oħrajn aktar tard. Personalment inħoss li din tal-aħħar hi probabbilment dak li ġara. Kemm dan ix-xenarju tal-Konkatidral kif ukoll l-istat ta' qniepen kbar kemm fil-Konkatidral kif ukoll fi knejjes oħra jindika li dawk kbar kienu jintużaw biss għas-solennitajiet u għalhekk dawn servew għal aktar żmien. Mill-banda l-oħra dawk żgħar li kienu rqaq, kienu jintużaw fir-rutina ta' kuljum biċ-ċans li ma jservux daqs dawk kbar. Għalkemm mhux il-kampnari kollha għad għandhom dawn il-qniepen antiki sabiex jagħtuna stampa aktar ċara u soċjali ta' Malta fl-imgħoddi, madankollu meta wieħed iżur il-kampnari taż-Żurrieq, l-Imqabba u l-Qrendi jinnota kif il-qniepen l-antiki ż-żgħar huma fil-maġġor parti tagħhom mittiekla.



*Il-qniepen iż-żgħar tal-Konkatidral*



*Petronilla, l-iktar qanpiena antika f'Malta, u li ssawret fl-1370, qed isirilha restawr minn Kenneth Cauchi*

Dan il-bżonn soċjali kien irid brunżara diversi idealment minn Malta stess għax kien aktar konvenjenti għall-prokuraturi tal-knejjes u kappillani li jsibu funderija lokali li inti tmur għandha, tagħmillek il-qanpiena, iġġorrha u jekk ikun hemm xi qsim dawn kienu jistgħu jfittxuha għad-danni b'mod aktar komdu u mingħajr il-bżonn li taqbad xini u ssiefer biex tiġġieled għad-drittijiet tiegħek. Minkejja kollox, ironikament, l-eqdem qanpiena li għandna f'pajjiżna kienet waslet proprju minn Venezja fl-1370. Għalhekk, ma rridx nagħti l-impressjoni li l-importazzjoni tal-qniepen hi xi ħaġa moderna. Mal-mewt ta' Ġulju Cauchi, lokalment ma kienx għad hawn min jagħmel il-qniepen u bdejna niddependu biss minn funderiji barranin. Imma min kien Ġulju Cauchi? Ġulju kien fonditur Bormliż, iben ta' Naduri u Bormliża. Twieled fl-1829 u miet fl-1904. Fil-karriera tiegħu flimkien ma' missieru u ħutu, fonda aktar minn tliet mitt qanpiena. Nistgħu ngħidu li kien l-aktar Malti prolifiku li ħadem qniepen għal pajjiżna. Wieħed irid iqis li Ġulju kien ġuvni b'karattru pjuttost riservat u ma kinitx xi sorpriża li din is-sengħa verament partikolari m'għaddieha lil ħadd. Fil-fatt din il-ħaġa għadna nsibuha fi snajja' partikolari. B'hekk nistgħu ngħidu li s-sengħa tat-tfondija tal-qniepen f'Malta mietet ma' Ġulju għax minn dakinhar 'l hawn ma kien hawn l-ebda intrapriża li taħdem il-qniepen f'pajjiżna ħlief xi żewġ dilettanti prużuntużi li m'għamlu xejn ħlief oġġetti f'għamla konika msejħa 'qniepen'.



*Il-kampnari tal-knisja Arċipretali taż-Żurrieq*

*"Mal-mewt ta' Ġulju Cauchi, lokalment ma kienx għad hawn min jagħmel il-qniepen u bdejna niddependu biss minn funderiji barranin."*

Hawn min jgħid li l-fatt li Cauchi ma għallem lil ħadd kienet diżgrazzja. Jien insostni li din kienet grazzja. L-opinjoni personali hi li meta wieħed iqis iċ-ċokon ta' pajjiżna u l-limitazzjonijiet fid-domanda, il-produzzjoni lokali żgur li qatt ma laħqet il-livell ta' qniepen fonduti f'funderiji barranin li għandhom opportunità akbar ta' esperimentazzjoni u titjib fuq il-kwalità diġà tajba li jipproduċu grazzi għad-domanda li jkollhom. Biss mal-importazzjoni ta' qniepen minn barra, kulma jmur il-kunċett tad-daqq tal-qniepen beda jinbidel minn dak tal-imgħoddi u minn wieħed funzjonali beda jgħaddi biex isir wieħed ta' frekwenza matematika mużikalment ipperfezzjonata.


# J. Caruana

***Watch Repairer • Jeweller • Engraver***

116, St. Sebastian Str., Qormi
Tel: 2148 5714


